



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Novembru 2019
(OR. fr)

12929/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0208 (NLE)

PECHE 443

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TAL-KUNSILL dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd taħt il-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2019/ ...

ta' ...

**dwar l-allokkazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd taħt il-Protokoll
li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja
previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd
bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania¹ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"), li ġie approvat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1801/2006², daħal fis-seħħ fit-8 ta' Awwissu 2008.
- (2) Il-Protokoll għall-Ftehim, li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim, li daħal fis-seħħ fl-istess jum għal perjodu ta' sentejn, ġie sostitwit diversi drabi.
- (3) Il-Protokoll għall-Ftehim li bħalissa huwa fis-seħħ³ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll") jiskadi fil-15 ta' Novembru 2019.
- (4) Fit-8 ta' Lulju 2019, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati mar-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania għall-konklużjoni ta' ftehim ġdid ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli u protokoll li jimplementa dak il-Ftehim.

¹ ĠU L 343, 8.12.2006, p. 4.

² Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1801/2006 tat-30 ta' Novembru 2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania (ĠU L 343, 8.12.2006, p. 1).

³ Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania għal perjodu ta' erba' snin (ĠU L 315, 1.12.2015, p. 3).

- (5) Sa ma jitlestew dawk in-negozjati, il-Kummissjoni nnegozjat, f'isem l-Unjoni, Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri dwar l-estensjoni, għal perjodu massimu ta' sena, tal-Protokoll (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri"). Fit-tmiem ta' dawn in-negozjati, il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri ġie inizjalat fl-4 ta' Settembru 2019.
- (6) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/...¹⁺, il-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri ġie ffirmat fi ...⁺⁺.
- (7) Jenħtieġ li jiġi ddefinit il-metodu għall-allokkazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri għall-perjodu tal-applikazzjoni tal-estensjoni tal-Protokoll.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/... ta' ... dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania, li se jiskadi fil-15 ta' Novembru 2019 (ĠU L ...).

⁺ ĠU: daħħal in-numru tad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument st 12924/19 fit-test u imla n-nota korrispondenti fqiegħ il-paġna.

⁺⁺ ĠU: daħħal id-data tal-iffirmar tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri li jinsab fid-dokument st 12927/19.

- (8) Skont l-Artikolu 47(2) tar-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, jekk ikun jidher li l-opportunitajiet tas-sajd allokat lill-Unjoni taħt protokoll ma jintużawx kollha, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri kkonċernati u għandha titlobhom jikkonfermaw li mhumiex qed jagħmlu użu minn dawk l-opportunitajiet tas-sajd. In-nuqqas ta' risposta fil-limiti tal-iskadenza li għandha tiġi stabbilita mill-Kunsill għandu jitqies bħala konferma li l-bastimenti tal-Istat Membru kkonċernat mhumiex qed jagħmlu użu mill-opportunitajiet tas-sajd tagħhom fil-perjodu speċifiku. Jenġtieg li tiġi stabbilita din l-iskadenza.
- (9) Jenġtieg li dan ir-Regolament jibda japplika mid-data tal-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

¹ Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81).

Artikolu 1

L-oppportunitajiet tas-sajd

1. L-oppportunitajiet tas-sajd stabbiliti fil-Protokoll li jistabbilixxi l-oppportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania, għall-perjodu tal-applikazzjoni tal-estensjoni tal-Protokoll, għandhom ikunu allokatu fost l-Istati Membri kif ġej:

(a) il-kategorija nru 1 — bastimenti tas-sajd li jistadu għall-krustaċji ħlief għall-awwista u għall-granċ:

Spanja	4 150 tunnellata;
l-Italja	600 tunnellata;
il-Portugall	250 tunnellata.

F'din il-kategorija, fi kwalunkwe waqt jista' jkun hemm għadd massimu ta' 25 bastiment fl-ilmijiet tal-Mauritania;

(b) il-kategorija nru 2 — bastimenti tat-tkarkir (mingħajr friża) u bastimenti tas-sajd bil-konz tal-qiegħ għall-merluzz l-iswed:

Spanja	6 000 tunnellata.
--------	-------------------

F'din il-kategorija, fi kwalunkwe waqt jista' jkun hemm għadd massimu ta' sitt bastimenti fl-ilmijiet tal-Mauritania;

- (c) il-kategorija nru 3 — bastimenti tas-sajd għall-ispeċijiet tal-ħut tal-qiegħ minbarra l-merluzz l-iswed, b'irkaptu ieħor mhux bix-xbieki tat-tkarkir:

Spanja	3 000 tunnellata.
--------	-------------------

F'din il-kategorija, fi kwalunkwe waqt jista' jkun hemm għadd massimu ta' sitt bastimenti fl-ilmijiet tal-Mauritania;

- (d) il-kategorija nru 4 — bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni (12 500 tunnellata — tunnellaġġ ta' referenza):

Spanja	17-il liċenzja annwali;
Franza	8 liċenzji annwali;

- (e) il-kategorija nru 5 — bastimenti tas-sajd għat-tonn bil-qasba u bastimenti tas-sajd bil-konz (7 500 tunnellata — tunnellaġġ ta' referenza):

Spanja	14-il liċenzja annwali;
Franza	liċenzja annwali waħda;

- (f) il-kategorija nru 6 — bastimenti tat-tkarkir mgħammra bi friża użati għas-sajd għall-ħut pelaġiku:

il-Ġermanja	12 560 tunnellata;
Franza	2 615 -il tunnellata;
il-Latvja	53 913 -il tunnellata;
il-Litwanja	57 642 tunnellata;
in-Netherlands	62 592 tunnellata;
il-Polonja	26 112-il tunnellata;
ir-Renju Unit	8 531 tunnellata;
l-Irlanda	8 535 tunnellata.

Matul il-perjodu tal-applikazzjoni tal-estensjoni tal-Protokoll, l-Istati Membri għandu jkollhom l-għadd ta' liċenzji ta' tliet xhur li ġej:

il-Ġermanja	4;
Franza	2;
il-Latvja	20;
il-Litwanja	22;
in-Netherlands	16;
il-Polonja	8;
ir-Renju Unit	2;
l-Irlanda	2.

L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni jekk ċerti liċenzji jkunu jistgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' Stati Membri oħrajn.

F'din il-kategorija, fi kwalunkwe waqt jista' jkun hemm għadd massimu ta' 19-il bastiment fl-ilmijiet tal-Mauritania;

(g) il-kategorija nru 7 — bastimenti tas-sajd mingħajr friża għall-ħut pelaġiku:

l-Irlanda	15 000 tunnellata.
-----------	--------------------

F'każ li ma jintużawx, dawn l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu ttrasferiti għall-kategorija nru 6 skont il-metodu għall-allokazzjoni ta' dik il-kategorija;

(h) il-kategorija nru 2a — bastimenti tat-tkarkir (mgħammra bi friża) użati għas-sajd għall-merluzz l-iswed:

Spanja:

merluzz iswed	3 500 tunnellata;
klamar	1 450 tunnellata;
siċċ	600 tunnellata.

F'din il-kategorija, fi kwalunkwe waqt jista' jkun hemm għadd massimu ta' sitt bastimenti fl-ilmijiet tal-Mauritania.

2. L-iskadenza prevista fl-Artikolu 47(2) tar-Regolament (UE) 2017/2403 sa fejn l-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkonfermaw li mhumiex qed jagħmlu użu mill-opportunitajiet tas-sajd li jkunu ngħatawllhom taħt il-Protokoll għandha tkun ta' għaxart ijiem tax-xogħol mid-data meta l-Kummissjoni tgħarrafhom li l-opportunitajiet tas-sajd mhumiex qed jintużaw għal kollox.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mid-data tal-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President